**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

**2024/0176(BUD)**

9.9.2024

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Baġits

Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025 – it-taqsimiet kollha
(2024/0176(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Daniel Buda

# OPINJONI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tat-EUR 53,75 biljun f'impenji u tal-EUR 51,12 biljun f'pagamenti għall-agrikoltura; jiddispjaċih tat-tnaqqis meta mqabbel mal-2024 u jitlob żieda fil-baġit u l-implimentazzjoni strateġika tiegħu meta jitqiesu l-isfidi klimatiċi, ambjentali u politiċi li s-settur agrikolu u l-komunitajiet rurali se jiffaċċjaw fl-2025, bħall-impatt tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi mingħajr klawżoli mera, il-prezzijiet tal-input li qed dejjem jogħlew, il-ġrajjiet tat-temp avvers estrem, kif ukoll il-ħsara frekwenti kkawżata mill-mard tal-annimali; jenfasizza li żieda fil-baġit hija ġġustifikata peress li l-bdiewa huma atturi kruċjali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; ifakkar li r-reżiljenza fit-tul tal-biedja ġiet imminata mill-pressjoni inflazzjonarja kumulattiva fl-inputs agrikoli, xprunata b'mod partikolari mill-konsegwenzi suċċessivi tal-pandemija tal-COVID-19 u tal-gwerra fl-Ukrajna;

2. Ifakkar fl-objettivi skont l-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jinkludu ż-żieda fil-produttività agrikola permezz tal-promozzjoni tal-progress tekniku, l-iżgurar ta' livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa, u l-garanzija tas-sigurtà tal-ikel;

3. Iqis li huwa xieraq li l-objettivi msemmija hawn fuq tal-liġi primarja tal-Unjoni jidhru b'mod espliċitu u prominenti fl-introduzzjoni għall-Intestatura 3 fl-Introduzzjoni Ġenerali tal-baġit 2025;

4. Jinnota li l-infiq taħt il-politika agrikola komuni (PAK) jaqbeż b'mod sinifikanti l-miri tal-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità u jitlob li dan is-surplus jintuża biex jiġu allokati fondi li jikkontribwixxu b'mod dirett għall-objettivi primarji tal-PAK;

5. Ifakkar li l-bdiewa u l-komunitajiet rurali huma atturi kruċjali fil-forniment ta' ikel ta' kwalità għolja ekonomikament aċċessibbli u fil-preservazzjoni taż-żoni rurali, speċjalment l-attraenza ekonomika tagħhom; jenfasizza r-rwol li għandha l-agrikoltura biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni tas-sigurtà tal-ikel, it-tkabbir sostenibbli, l-inklużjoni soċjali, kif ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, filwaqt li tgħin fid-diversifikazzjoni tal-produzzjoni agrikola, fil-preservazzjoni tal-bijodiversità u fl-iżvilupp tal-ekonomiji lokali; jenfasizza li l-baġit tal-Unjoni 2025 għandu jkun allinjat mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni;

6. Jenfasizza li n-nies li jgħixu fiż-żoni rurali, inklużi l-bdiewa, għandhom sfidi partikolari għas-saħħa mentali assoċjati mar-riskju ta' skonnessjoni u n-nuqqas ta' aċċess għas-servizzi tas-saħħa mentali, meta jitqies li r-rati ta' suwiċidju fost il-bdiewa huma 20 % ogħla mill-medja nazzjonali f'xi Stati Membri; għalhekk jitlob li l-appoġġ għas-saħħa mentali għall-bdiewa jiġi integrat b'mod speċifiku fil-politiki agrikoli tal-Unjoni permezz tal-għoti ta' finanzjament fit-tul;

7. Jiddeplora l-effetti kaskata negattivi kontinwi li għandha l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq l-agrikoltura u l-bdiewa kollha fl-Unjoni, speċjalment dawk li jinsabu fl-

Istati Membri li jmissu mal-Ukrajna, bħall-prezzijiet għoljin tal-input, l-inflazzjoni jew id-disturbi fis-suq u d-diffikultajiet biex jiġu monetizzati l-prodotti agroalimentari; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaġġustaw il-finanzjament tagħhom kif xieraq; jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' strumenti addizzjonali ffinanzjati aħjar għall-ġestjoni tal-kriżijiet u ta' miżuri konkreti biex jiġu indirizzati d-disturbi fis-suq; ifakkar li filwaqt li l-appoġġ li għadu qed jingħata lill-Ukrajna huwa kruċjali meta qed tiġi żgurata s-sigurtà globali tal-ikel, il-kompetittività tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni ma għandhiex tiġi mhedda; jilqa' l-applikazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni ta' miżuri ta' salvagwardja għall-prodotti bażiċi bħaz-zokkor, il-bajd, il-ħafur u l-ħbub imfesdqa misħuqa;

8. Jissottolinja li d-deflatur ta' 2 % tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) ma jikkumpensax għat-telf tal-valur marbut mal-inflazzjoni; jinnota li l-pagamenti diretti naqsu b'mod sinifikanti f'termini reali minħabba l-inflazzjoni, filwaqt li l-piż amministrattiv fuq il-bdiewa żdied minħabba l-akkumulazzjoni tar-restrizzjonijiet, l-obbligi u l-burokrazija; jenfasizza f'dak ir-rigward il-fatt li l-baġit tal-PAK fil-QFP 2021-2027 diġà huwa aktar baxx, f'termini reali, milli fil-perjodu ta' ppjanar preċedenti; jenfasizza li t-tħejjijiet tal-QFP li jmiss għandhom jindirizzaw dawn in-nuqqasijiet kollha;

9. Jiddispjaċih li l-istess deflatur ta' 2 % ma ġiex applikat mill-Kummissjoni lill-allokazzjonijiet baġitarji tal-programmi ta' soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-periferiċità u l-insularità (POSEI); jenfasizza kemm hi ta' importanza vitali l-iskema POSEI biex tinżamm għaddejja l-attività agrikola u għall-forniment tal-prodotti tal-ikel u tal-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi; jiddispjaċih li l-livelli ta' appoġġ offruti minn dik l-iskema ma ġewx riveduti biex jingħataw ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa, sitwazzjoni li hi aggravata mill-fatt li l-approprjazzjonijiet tagħhom ma ġewx aġġustati skont l-inflazzjoni, u dan irriżulta f'telf sostanzjali f'termini reali; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-ammont allokat għall-fondi POSEI biex tkopri ż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni u l-inflazzjoni ta' dawn l-aħħar ftit snin, u b'hekk tiġi sostnuta l-vijabbiltà tal-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi;

10. Jiddeplora t-tnaqqis ta' EUR 440 miljun għat-tliet snin li ġejjin fil-baġit tal-FAEG fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP; jiddispjaċih b'mod partikolari tat-tnaqqis fil-promozzjoni tal-prodotti agrikoli u jissuġġerixxi li kwalunkwe disponibbiltà identifikata taħt is-sottolimitu tal-FAEG fiż-żmien tal-Ittra Emendatorja tista' tintuża biex jittaffa dan it-tnaqqis billi jissaħħu l-elementi li kellhom jitnaqqsu jew li kellhom jiġu ristretti ħafna, b'mod partikolari l-promozzjoni ta' programmi "multipli" u appoġġ tekniku għall-implimentazzjoni tal-PAK peress li dawn il-programmi jżidu s-sensibilizzazzjoni u r-rikonoxximent tal-iskemi tal-kwalità tal-Unjoni kif ukoll il-kompetittività tal-prodotti agrikoli tal-Unjoni billi jaġevolaw b'mod ċar l-aċċess tal-produtturi tal-Unjoni għas-swieq ta' pajjiżi terzi, speċjalment għall-prodotti ta' kwalità għolja u ta' valur għoli; jitlob li jinżamm baġit ta' politika tal-promozzjoni inklużiv u b'saħħtu, għall-inqas fil-livell tal-2024, biex jiġi żgurat li l-politika tkompli tappoġġja s-setturi agrikoli kollha, tiggarantixxi l-kompetittività tal-agrikoltura u s-sovranità tal-ikel tagħna u tippermetti l-ħolqien ta' swieq internazzjonali ġodda għall-prodotti agrikoli tal-Unjoni; jenfasizza l-interess dejjem jikber fil-programmi ta' promozzjoni fl-2024, li ra żieda fis-sottomissjonijiet ta' proġetti; jixtieq li jiġu allokati aktar riżorsi għall-promozzjoni tal-prodotti agroalimentari u tal-inizjattivi ta' edukazzjoni dwar l-ikel tal-Unjoni,

b'referenza speċjali għall-programmi mmirati lejn iċ-ċittadini żgħażagħ għal żieda fil-konsum tal-frott u l-ħaxix, filwaqt li tiġi affermata mill-ġdid l-importanza tal-iskema tal-Unjoni għall-frott, il-ħaxix u l-ħalib fl-iskejjel, f'dak ir-rigward, jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ minn dik l-iskema; jitlob żieda sostanzjali fil-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel, l-istabbiltà u introjtu ġust għall-bdiewa;

11. Jilqa' l-pakkett reċenti ta' simplifikazzjoni tal-PAK u jinnota li ma għandu l-ebda impatt baġitarju; jissottolinja li l-miżuri ta' simplifikazzjoni għandhom iservu ta' bażi għar-riforma tal-PAK li jmiss; jagħraf kemm hu importanti li dan il-pakkett ikompli għaddej sa tmiem il-perjodu kurrenti ta' programmazzjoni u li jkun hemm miżuri u riżorsi addizzjonali biex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iskuntentizza tal-bdiewa madwar l-Unjoni b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-valur agroalimentari; ifakkar f'dak il-kuntest li strutturalment il-bdiewa jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli fil-katina tal-valur u jissottolinja li t-titjib tal-pożizzjoni tagħhom huwa kundizzjoni essenzjali biex jiżdied l-introjtu tal-bdiewa u biex huma jiġu megħjuna jiffaċċjaw il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fir-rigward tal-mitigazzjoni tiegħu u l-adattament għalih; jitlob żieda fil-baġit għall-investimenti fin-networks tad-distribuzzjoni tal-produtturi agrikoli sabiex tiġi indirizzata b'mod determinat il-kwistjoni tal-ispekulazzjoni tal-prodotti agrikoli kif ukoll reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] biex jiġi żgurat li l-bdiewa jirċievu s-sehem ġust tagħhom tal-prezz finali mħallas mill-konsumatur għall-ikel; jenfasizza l-ħtieġa li l-bdiewa jiġu appoġġjati fl-implimentazzjoni tal-obbligi ġodda marbuta, fost oħrajn, mal-bijodiversità u l-azzjonijiet klimatiċi, inkluż finanzjament speċifiku u servizzi ta' konsulenza ffinanzjati kif xieraq;

12. Jissottolinja li l-bdiewa żgħażagħ għandhom il-potenzjal li jkunu forza li tixpruna l-biedja sostenibbli; jitlob għalhekk li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ u li jkun hemm baġit ogħla għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda, inklużi l-intraprendituri nisa, u li jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-art u għall-kreditu, kif ukoll li jiġi faċilitat tat-trasferiment tal-għarfien mill-persuni akbar fl-età għall-ġenerazzjoni żagħżugħa sabiex tiżdied il-fiduċja taż-żgħażagħ biex jaqbdu l-professjoni tal-biedja; jilqa' f'dak ir-rigward il-fatt li fir-riforma tal-PAK li jmiss il-Kummissjoni tat prijorità liż-żieda fl-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ peress li l-kisba tal-aċċess għall-art hija waħda mill-ostakli ewlenin għaż-żgħażagħ li jippruvaw jidħlu fis-settur agrikolu; jitlob li jitnaqqsu l-miżuri burokratiċi fl-aċċess għall-fondi tal-Unjoni biex jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali; ifakkar f'kemm hu importanti li l-bdiewa żgħażagħ jingħataw aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità u jitlob involviment akbar tan-nisa permezz ta' programmi ta' finanzjament immirati kif ukoll miżuri legali u politiċi biex jiżdied l-aċċess tagħhom għall-professjoni;

13. Ifakkar fl-importanza tal-finanzjament tal-FAEŻR fiż-żoni rurali, mhux biss għall-bdiewa, iżda għall-atturi rurali l-oħra li jappoġġjaw lill-bdiewa; ifakkar li baġit b'saħħtu għal dawk l-azzjonijiet huwa meħtieġ ukoll fl-2025; jenfasizza r-rwol ċentrali tal-inizjattivi ta' żvilupp lokali mmexxija mill-komunità fiż-żamma u r-restawr tal-

[1] Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari (*ĠU L 111, 25.4.2019, p. 59, ELI:* http://data.europa.eu/eli/dir/2019/633/oj).

ekonomiji rurali lokali ħajjin u li qed jirnexxu, u l-ħtieġa li jinżamm livell suffiċjenti ta' finanzjament għall-programm LEADER; jistieden lill-Istati Membri jużaw bis-sħiħ il-kapaċitajiet tal-programm LEADER;

14. Jinnota l-ammont ta' EUR 450 miljun għar-riżerva agrikola u jfakkar li fl-2024 kienu meħtieġa EUR 516,5-il miljun; jistieden lill-Kummissjoni talloka finanzjament adegwat u konsistenti għar-riżerva agrikola biex ittaffi l-impatt ekonomiku tat-tibdil fil-klima fuq l-azjendi agrikoli u tissalvagwardja s-sigurtà u l-awtonomija tal-ikel, filwaqt li tiżgura li l-pagamenti diretti ma jiġux affettwati u tesplora l-possibbiltà li jiġu mobilizzati fondi barra mill-PAK, kif ukoll tippermetti l-użu tal-marġnijiet għall-finanzjament ta' dik ir-riżerva; jenfasizza li kien biss fl-2022 li r-riżerva agrikola ġiet implimentata għall-ewwel darba u minn dak iż-żmien 'il hawn saret għodda użata b'mod aktar wiesa'; jinsisti fuq ir-rwol tal-Parlament fl-użu tar-riżerva u jistieden lill-Kummissjoni ssegwi kriterji oġġettivi u trasparenti fl-allokazzjoni tal-fondi;

15. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-appoġġ tal-PAK jiġi distribwit b'mod ġust fost l-Istati Membri u fi ħdanhom;

16. Jenfasizza l-ħtieġa li l-appoġġ tal-PAK jiġi distribwit b'mod ġust biex jiġi żgurat li l-finanzjament tiegħu jitqassam b'mod ġust bejn l-intrapriżi żgħar, medji u kbar peress li l-azjendi agrikoli iżgħar u ta' daqs medju huma aktar vulnerabbli għall-fluttwazzjonijiet tas-suq, għall-kriżijiet u għall-inflazzjoni;

17. Jitlob li jiżdied il-baġit tar-riċerka ta' Orizzont Ewropa għall-agrikoltura; jenfasizza r-rwol vitali li għandha l-innovazzjoni għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli, kif ukoll kemm hi importanti t-trasformazzjoni diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali biex isiru possibbli sistemi agrikoli aktar preċiżi, effiċjenti u sostenibbli fl-Unjoni, kif ukoll biex tiżdied l-attraenza tal-impjiegi fl-agrikoltura u fil-komunitajiet rurali għall-ġenerazzjonijiet iktar żgħażagħ u biex tingħata spinta lit-turiżmu; jiġbed l-attenzjoni lejn kemm hu importanti l-finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-bijoteknoloġija fid-dawl tar-regolamenti li dalwaqt joħorġu, bħat-tekniki ġodda ta' editjar tal-ġenoma, biex b'hekk tiġi żgurata l-pożizzjoni ewlenija tal-Unjoni fl-innovazzjoni agrikola u l-kompetittività globali fit-tul tagħha, filwaqt li jingħata kontribut għall-objettiv tal-Unjoni ta' awtonomija strateġika, kif rikonoxxut fil-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni li jmiss; jissottolinja l-ħtieġa li jsir investiment fis-soluzzjonijiet tal-biedja ta' preċiżjoni, bħar-robotika, is-sistemi intelliġenti tal-ilma jew id-droni li jistgħu jagħtu spinta lill-kompetittività u l-produttività tal-azjendi agrikoli, mingħajr ma ninsew il-ġestjoni integrata tal-pesti sabiex tiġi ottimizzata l-produttività filwaqt li jitnaqqsu l-inputs, l-ispejjeż u l-emissjonijiet; ifakkar li l-bdiewa għandhom bżonn ikunu involuti fir-riċerka u jfakkar fis-sinifikat tal-fatt li jiġi żgurat li r-riżultati tar-riċerka jilħqu l-livell tal-azjendi agrikoli u jiġu tradotti f'servizzi ta' konsulenza aċċessibbli għall-azjendi agrikoli; jissottolinja r-rwol ta' sistemi ta' għarfien u innovazzjoni agrikoli aktar b'saħħithom (AKIS), kif ukoll tan-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN), biex jiġu inkoraġġiti proġetti ta' innovazzjoni u jinfirex l-użu tagħhom;

18. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jinstabu miżuri ta' appoġġ fit-tul biex jitnaqqas l-impatt tat-tibdil fil-klima filwaqt li, permezz ta' finanzjament adegwat u strumenti speċjalizzati għall-bdiewa, jiġu indirizzati aħjar l-impatt tal-għargħar, tan-nixfiet u tan-nirien fis-selvaġġ

kif ukoll ta' perikli oħra relatati mal-klima fuq il-produzzjoni primarja, is-sigurtà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa, li huma kruċjali għar-reżiljenza tas-settur tal-biedja; jirrimarka l-inkonsistenza bejn l-għanijiet tal-Kummissjoni li tipproteġi l-karnivori l-kbar filwaqt li fl-istess ħin tappoġġja r-ragħa estensiv tal-bhejjem; ifakkar li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri finanzjament suffiċjenti, permezz ta' fond deżinjat, sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jipproteġu l-bhejjem tagħhom u jiġu kkumpensati b'mod adegwat għat-telf tagħhom ikkawżat minn organiżmi selvaġġi u karnivori kbar;

19. Jenfasizza li l-ġestjoni u d-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma huma fundamentali għall-kompetittività tal-agrikoltura tal-Unjoni; jenfasizza kemm huma importanti l-istrutturi tal-ġestjoni tal-ilma u l-użu tagħhom mill-bdiewa biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-ilma; jissottolinja li l-aċċess għall-fondi tal-Unjoni għall-faċilitajiet tal-ħżin tal-ilma jibqa' diffiċli għalkemm dawn jistgħu jgħinu lill-bdiewa jkollhom aċċess għall-ilma fil-perjodi xotti u jżidu l-produttività u r-rendimenti; jenfasizza li dawn l-infrastrutturi għandhom skop multiplu u huma essenzjali biex iservu ta' appoġġ għall-bdiewa iżda jwettqu wkoll funzjonijiet oħra bħar-riżervi tal-ilma fil-ġlieda kontra n-nirien fis-selvaġġ, it-turiżmu, il-ġibjuni tal-bijodiversità jew il-ġibjuni tal-ilma tax-xorb, speċjalment għall-agglomerazzjonijiet kbar; jitlob li jitneħħew l-ostakli legali u amministrattivi tal-Unjoni u dawk nazzjonali, b'mod partikolari dawk tal-PAK, li jipprevjenu l-aċċess għall-fondi pubbliċi għall-bini ta' dawk l-infrastrutturi; jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi-privati għall-iżvilupp ta' tali infrastruttura fl-Unjoni; jisħaq fuq ir-rwol strateġiku tal-bdiewa u tal-komunitajiet rurali fiż-żoni kkaratterizzati minn riskju sismiku u idroġeoloġiku għoli li jeħtieġu appoġġ speċifiku mill-PAK, kif ukoll il-gżejjer żgħar; ifakkar li ż-żieda fir-reżiljenza tal-ilma u fil-kapaċità ta' adattament u fil-miżuri ta' appoġġ hija meħtieġa biex tiġi mmitigata t-theddida tat-tibdil fil-klima għas-sistemi tal-biedja; jitlob pjan tal-Unjoni ffinanzjat b'mod adegwat għall-użu, l-użu mill-ġdid u l-ħażna u l-kondiviżjoni intelliġenti tal-ilma kif ukoll sabiex tiġi salvagwardjata l-kwalità tal-ikel.

20. Jappella għal investimenti xierqa biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn prattiki tal-biedja aktar sostenibbli permezz tal-innovazzjoni u l-investiment, mingħajr ma titnaqqas il-produzzjoni agrikola tal-Unjoni u filwaqt li tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-bdiewa tal-Unjoni jiffaċċjaw kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet li ma jissodisfawx l-istandards tal-Unjoni; ifakkar li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles jistgħu jirrappreżentaw sfida ewlenija għall-bdiewa tal-Unjoni f'dak ir-rigward, jekk ma jissodisfawx dawk l-istandards u jitlob l-inklużjoni ta' klawżoli mera u dispożizzjonijiet finanzjarji konkreti fil-baġit tal-Unjoni biex jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-bdiewa tal-Unjoni li qed jiffaċċjaw telf mistenni ta' kompetittività mill-implimentazzjoni futura potenzjali tal-ftehimiet kummerċjali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-produtturi tal-Unjoni u dawk ta' pajjiżi terzi;

21. Jinsisti li kwalunkwe dħul għall-baġit tal-Unjoni derivat minn kwalunkwe dħul assenjat jew ħlas lura ta' irregolaritajiet mill-agrikoltura għandu jibqa' taħt il-komponent tal-agrikoltura tal-Intestatura 3;

22. Jitlob lill-Kummissjoni li l-ebda fond ambjentali fil-futur m'għandu jinvolvi riżorsi finanzjarji trasferiti mill-PAK;

23. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu aktar appoġġ lis-settur kooperattiv, speċjalment billi jippromwovu u jinċentivaw l-istabbiliment u l-iżvilupp ta’ kooperattivi agrikoli;

24. Jinnota bi tħassib li l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli kulma jmur spiss qed ikunu ogħla mill-prezz tal-bejgħ;

25. Jenfasizza li għandu jkun hemm biżżejjed finanzjament disponibbli biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri biex jindirizzaw b’mod effiċjenti l-mard trażmissibbli tal-annimali bħall-influwenza avjarja jew id-deni tal-ħnieżer Afrikan;

26. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżviluppaw strumenti ta’ garanzija tal-kreditu agrikolu biex il-bdiewa, l-assoċjazzjonijiet agrikoli u l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju jkunu jistgħu jiksbu aċċess aktar faċli għal kapital operatorju sikur, konsistenti u prevedibbli;

27. Jenfasizza li l-aċċessibbiltà tal-ikel u l-introjtu tal-bdiewa għadhom ta’ tħassib kbir u jistieden lill-Kummissjoni tqishom dawn fil-futur;

28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffukaw fuq proġetti li jippromwovu u jtejbu s-salvagwardja tal-impjiegi eżistenti fis-settur agrikolu u l-ħolqien ta’ impjiegi ta’ kwalità bi drittijiet sħaħ, paga stabbli u ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti inklużi s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll il-ġlieda effettiva u deċiżiva kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fiż-żoni rurali.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
## LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
|---|
| Copa-Cogeca |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur għal opinjoni li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
## FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 4.9.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 37<br>–: 6<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Arno Bausemer, Sergio Berlato, Stefano Bonaccini, Mireia Borrás Pabón, Daniel Buda, Waldemar Buda, Gheorghe Cârciu, Asger Christensen, Barry Cowen, Carmen Crespo Díaz, Valérie Deloge, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Herbert Dorfmann, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Maria Grapini, Martin Häusling, Céline Imart, Elsi Katainen, Stefan Köhler, Camilla Laureti, Norbert Lins, Cristina Maestre, Dario Nardella, Maria Noichl, Gilles Pennelle, Alvise Pérez, André Rodrigues, Katarína Roth Neveďalová, Bert-Jan Ruissen, Arash Saeidi, Eric Sargiacomo, Christine Singer, Raffaele Stancanelli, Anna Strolenberg, Pekka Toveri, Jessika Van Leeuwen, Veronika Vrecionová, Thomas Waitz, Maria Walsh |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Wouter Beke, Benoit Cassart, Esther Herranz García, Ilia Lazarov, Nicolae Ştefănuță, Francesco Ventola |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 37 | + |
|---|---|
| ECR | Sergio Berlato, Waldemar Buda, Bert-Jan Ruissen, Francesco Ventola, Veronika Vrecionová |
| NI | Katarína Roth Neveďalová |
| PPE | Wouter Beke, Daniel Buda, Carmen Crespo Díaz, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Herbert Dorfmann, Esther Herranz García, Céline Imart, Stefan Köhler, Ilia Lazarov, Norbert Lins, Pekka Toveri, Jessika Van Leeuwen, Maria Walsh |
| PfE | Mireia Borrás Pabón, Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli |
| Renew | Benoit Cassart, Asger Christensen, Barry Cowen, Elsi Katainen, Christine Singer |
| S&D | Stefano Bonaccini, Gheorghe Cârciu, Maria Grapini, Camilla Laureti, Cristina Maestre, Dario Nardella, André Rodrigues, Eric Sargiacomo |

| 6 | - |
|---|---|
| The Left | Sebastian Everding, Arash Saeidi |
| Verts/ALE | Martin Häusling, Nicolae Ştefănuță, Anna Strolenberg, Thomas Waitz |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ESN | Arno Bausemer |
| S&D | Maria Noichl |
| The Left | Luke Ming Flanagan |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni